VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,461, 7 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 246 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Applied Food and Nutritional Sciences)
taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilità

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-qasam ta' studju tal-Applied Food and Nutritional Sciences fil-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa li jibda f'Ottubru 2015 jew wara.

L-Għażla tal-Applikanti

2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu għall-qasam ta' studju tal-Applied Food and Nutritional Sciences ikun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 10 tal-Ordinamenti tal-2010 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli għal dan il-qasam ta' studju jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3 ta' dawn l-ordinamenti.

Il-Kriterji għall-Għażla

3. (1) (a) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha.

(b) Għall-għan tal-għażla, is-suġġetti offruti fil-Livell Avvanzat għandhom ikunu kkunsidrati bħala s-suġġetti primarji, is-suġġett offrut fil-Livell Intermedju għandu jkun ikkunsidrat bħala s-suġġett sekondarju, sakemm li grad miksub fis-suġġett sekondarju meħud fil-Livell Avvanżat għandu jingħata l-istess punti bħal gradi miksuba fil-Livell Intermedju li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Grad E fil-Livell Avvanzat jingħata l-istess punti daqs Grad Ċ fil-Livell Intermedju

Grad D fil-Livell Avvanzat jingħata l-istess punti daqs Grad Ċ fil-Livell Intermedju

Grad Ċ fil-Livell Avvanzat jingħata l-istess punti daqs Grad B fil-Livell Intermedju

Grad B fil-Livell Avvanzat jingħata l-istess punti daqs Grad A fil-Livell Intermedju

Grad A fil-Livell Avvanzat jingħata l-istess punti daqs Grad A fil-Livell Intermedju

(ċ) Il-kategoriji tal-kwalifikazzjoni għandhom ikunu kif ġej:

L-ewwel kategorija:	dawk b'żewġ gradi 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
It-tieni kategorija:	dawk b'żewġ gradi 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
It-tielet kategorija:	dawk b'żewġ gradi 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
Ir-raba' kategorija:	dawk b'żewġ gradi 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'A' u grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
Il-ħames kategorija:	dawk b'żewġ gradi 'A' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'A' u grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
Is-sitt kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
Is-seba' kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'D' fis-suġġett sekondarju u dawk b'żewġ gradi 'B' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju jew dawk bi grad 'A' u grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'A' fis-suġġett sekondarju

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-tmien kategorija:	dawk bi grad ‘A’ u grad ‘B’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘E’ fis-suġġett sekondarju u dawk b’żewġ gradi ‘B’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘B’ fis-suġġett sekondarju jew dawk bi grad ‘A’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘B’ fis-suġġett sekondarju
Id-disa’ kategorija:	dawk b’żewġ gradi ‘B’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad ‘A’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju
L-għaxar kategorija:	dawk b’żewġ gradi ‘B’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘D’ fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad ‘A’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘D’ fis-suġġett sekondarju jew dawk bi grad ‘B’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘A’ fis-suġġett sekondarju
Il-ħdax-il kategorija:	dawk b’żewġ gradi ‘B’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘E’ fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad ‘A’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘E’ fis-suġġett sekondarju jew dawk bi grad ‘B’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘B’ fis-suġġett sekondarju
It-tnax-il kategorija:	dawk bi grad ‘B’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju
It-tlettax-il kategorija:	dawk bi grad ‘B’ u grad ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘D’ fis-suġġett sekondarju u dawk b’żewġ gradi ‘Ċ’ fis-suġġett ewlieni u grad ‘A’ fis-suġġett sekondarju

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-erbatax-il kategorija: dawk bi grad 'B' u grad 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'E' fis-suġġett sekondarju

u dawk b'żewġ gradi 'Ċ' fis-suġġett ewlieni u grad 'B' fis-suġġett sekondarju

Il-ħmistax-il kategorija: dawk b'żewġ gradi ta' 'Ċ' fis-suġġetti ewlenin u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju

Is-sittax-il kategorija: dawk b'żewġ gradi ta' 'Ċ' fis-suġġetti ewlenin u grad 'D' fis-suġġett sekondarju

Is-sbatax-il kategorija: dawk b'żewġ gradi ta' 'Ċ' fis-suġġetti ewlenin u grad 'E' fis-suġġett sekondarju

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru ċ-ċertifikat li għaddew fis-suġġetti ewlenin u/jew fis-suġġett sekondarju jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fis-suġġetti ewlenin u/jew fis-suġġett sekondarju, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Meta l-applikanti jipprezentaw ċertifikati kemm fil-Fiżika kif ukoll fil-Matematika fil-Livell Intermedju, is-suġġett li fih kien miksub l-ogħla grad għandu jkun ikkunsidrat bħala s-suġġett sekondarju.

(5) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

(6) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli li jaqgħu fl-aħħar kategorija tal-applikanti eliġibbli biex jidħlu fil-kors skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-ordinament ikun tali li n-numru totali tal-applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell milħuq mill-applikant fis-suġġetti kollha fiċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mit-total tal-punti allokati għal kull suġġett, bil-punti jkunu assenjati kif ġej:

	Livell Avvanzat	**Livell Intermedju**
Grad A	30 punt	10 punti
Grad B	24 punt	8 punti
Grad Ċ	18-il punt	6 punti
Grad D	12-il punt	4 punti
Grad E	6 punti	2 punti

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li li jibqa' għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti, maħtur mill-Bord għal dan il-għan, sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal.

(7) Jekk in-numru massimu ta' studenti ma jintlaħaqx, l-applikanti li jifdal u li għandhom grad D minflok grad Ċ f'wieħed mis-suġġetti ewlenin għandhom jiġu kkunsidrati wara li l-għażla tal-applikanti skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) (ċ) u (5) tal-ordinament 3 tintemm. Dawn l-applikanti għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

It-tmintax-il kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
Id-dsatax-il kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
L-għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
Il-wieħed u għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'D' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'B' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
It-tnejn u għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'A' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'E' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'B' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'B' fis-suġġett sekondarju
It-tlieta u għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'B' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'Ċ' fis-suġġett sekondarju
L-erbgħa u għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'B' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'D' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'Ċ' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'A' fis-suġġett sekondarju
Il-ħames u għoxrin kategorija:	dawk bi grad 'B' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'E' fis-suġġett sekondarju u dawk bi grad 'Ċ' u grad 'D' fis-suġġetti ewlenin u grad 'B' fis-suġġett sekondarju

VERŻJONI ELETTRONIKA

Is-Sitta u għoxrin kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ u grad ‘D’ fis-suġġetti ewlenin u grad ‘Ċ’ fis-suġġett sekondarju
Is-Sebgħa u għoxrin kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ u grad ‘D’ fis-suġġetti ewlenin u grad ‘D’ fis-suġġett sekondarju
It-Tmienja u għoxrin kategorija:	dawk bi grad ‘Ċ’ u grad ‘D’ fis-suġġetti ewlenin u grad ‘E’ fis-suġġett sekondarju